Nru. 18,005
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 5 ta' Diċembru, 2006
Tuesday, 5th December, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1021

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,002 u 18,004 tat-28 ta' Novembru u l-1 ta' Diċembru, 2006 rispettivament.

A.L. Nru. 287 ta' l-2006: *Civil Aviation Act (Cap. 232); Air Navigation (Amendment) (No. 3) Order, 2006.*

A.L. Nru. 288 ta' l-2006: Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378); Ordni għall-għanijiet ta' l-Artikoli 94, 100 u 101 ta' l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur.

A.L. Nru. 289 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2006 dwar in-Nolijiet għal Servizz bid-Dgħajjes għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u Għerien tal-Viċin.

A.L. Nru. 290 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Faċilitajiet Portwali fejn jintlaqa' Skart iġġenerat mill-Bastimenti u Residwi tal-Merkanzija.

A.L. Nru. 291 ta' l-2006: Att dwar is-Servizzi Postali (Kap. 254); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Modifika fil-Liċenza ta' Maltapost p.l.c.

A.L. Nru. 292 ta' l-2006: Att dwar il-Mediċini (Kap. 458); Regoli ta' l-2006 dwar il-Ħruġ ta' Riċetti u Dispensa ta' Mediċini.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1021

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,002 and 18,004 of the 28th November and 1st December, 2006 respectively.

L.N. No. 287 of 2006: Civil Aviation Act (Cap. 232); Air Navigation (Amendment) (No. 3) Order, 2006.

L.N. No. 288 of 2006: Consumer Affairs Act (Cap. 378); Order for the purposes of Articles 94, 100 and 101 of the Consumer Affairs Act.

L.N. No. 289 of 2006: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Blue Grotto and Neighbouring Caves Boats Service (Fares) Regulations, 2006.

L.N. No. 290 of 2006: Malta Maritime Authority Act (Cap. 352); Port Reception Facilities for Ship-generated Wastes and Cargo Residues (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 291 of 2006: Postal Services Act (Cap. 254); Maltapost p.l.c. Licence (Modification) (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 292 of 2006: Medicines Act (Cap. 458); Prescription and Dispensing Requirements Rules, 2006.

A.L. Nru. 293 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Istatut biex jemenda l-Istatut 3 (Emenda Nru. 13) ta' l-Università ta' Malta - Korsijiet ta' Studji, Gradi u Distinzjonijiet.

L.N. No. 293 of 2006: Education Act (Cap. 327); Statute amending Statute 3 (Amendment No. 13) of the University of Malta - Course of Studies, Degrees and Distinctions.

A.L. Nru. 294 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-1992 għall-Kors li jwassal għall-Grad ta' *Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) - B.Sc. (Nursing Studies Hons).*

L.N. No. 294 of 2006: Education Act (Cap. 327); The Course leading to the Degree of Bachelor of Science in Nursing Studies (Honours) - B.Sc. (Nursing Studies Hons) - (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 295 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Business Administration - M.B.A. - Executive Master of Business Administration - Executive M.B.A.* - u *Executive Master of Business Administration (e-Business) - Executive M.B.A. (e-Business).*

L.N. No. 295 of 2006: Education Act (Cap. 327); Master of Business Administration Degree - M.B.A. - Executive Master of Business Administration Degree - Executive M.B.A. - and Executive Master of Business Administration (e-Business) Degree - Executive M.B.A. (e-Business) (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 296 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Economics - M.A. (Econ.).*

L.N. No. 296 of 2006: Education Act (Cap. 327); Master of Arts in Economics - M.A. (Econ.) - Degree Course (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 297 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D.*

L.N. No. 297 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bachelor of Dental Surgery - B.Ch.D. - Degree Course (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 298 ta' l-2006: Att ta' l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 għall-Gradi ta' *Master of Philosophy - M.Phil.* - u *Doctor of Philosophy - Ph.D.* - taħt il-patroċinju tal-*European Centre for Gerontology*.

L.N. No. 298 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 for the Degrees of Master of Philosophy - M.Phil. - and Doctor of Philosophy - Ph.D. - under the auspices of the European Centre for Gerontology.

A.L. Nru. 299 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' *Bachelor of Commerce - B.Com.* - u *Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons)* - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, *Management* u *Accountancy*.

L.N. No. 299 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 to amend the Bye-laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of Commerce - B.Com. - and Bachelor of Commerce (Honours) - B.Com. (Hons) - under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. Nru. 300 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-*Postgraduate Diploma* u għall-Grad ta' *Master of Gerontology and Geriatrics - P.G. Dip. Ger. u M. Ger.* - taħt il-patroċinju tal-*European Centre for Gerontology.*

L.N. No. 300 of 2006: Education Act (Cap. 327); Regulations of 2006 for the Postgraduate Diploma and Degree of Master of Gerontology and Geriatrics - P.G. Dip. Ger. and M. Ger. - Course under the auspices of the European Centre for Gerontology.

A.L. Nru. 301 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-*Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E.*

L.N. No. 301 of 2006: Education Act (Cap. 327); Postgraduate Certificate in Education - P.G.C.E. - Course (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 302 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Gradi ta' *Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons)* - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Inġinerija.

L.N. No. 302 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 to amend the Bye-laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of Engineering (Honours) - B.Eng. (Hons) - under the auspices of the Faculty of Engineering.

A.L. Nru. 303 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Arts in Cultural Heritage Management - M.A.*

L.N. No. 303 of 2006: Education Act (Cap. 327); Master of Arts in Cultural Heritage Management - M.A. - Degree Course Regulations, 2006.

A.L. Nru. 304 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Gradi ta' *Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons)* - u ta' *Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T.* - taħt il-patroċinju tal-Bord ta' l-Istudji għall-*Information Technology*.

L.N. No. 304 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 to amend the Bye-laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of Science in Information Technology (Honours) - B.Sc. I.T. (Hons) - and Bachelor of Science in Information Technology - B.Sc. I.T. - under the auspices of the Board of Studies for Information Technology.

A.L. Nru. 305 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Grad ta' *Master in Integrated Resource Management - Master I.R.M.*

L.N. No. 305 of 2006: Education Act (Cap. 327); Master in Integrated Resource Management - Master I.R.M. - Degree Course Regulations, 2006.

A.L. Nru. 306 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-*Diploma in Environmental Science - Dip. Env. Sc.* - taħt il-patroċinju ta' l-*International Environment Institute*.

L.N. No. 306 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Environmental Science - Dip. Env. Sc. - under the auspices of the International Environment Institute.

A.L. Nru. 307 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); Ir-Regolamenti ta' l-2006 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' *Master of Science - M.Sc. - in Engineering*.

L.N. No. 307 of 2006: Education Act (Cap. 327); Master of Science - M.Sc. - in Engineering Degree Course (Amendment) Regulations, 2006.

A.L. Nru. 308 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Gradi ta' *Bachelor of European Studies (Honours) - B.Eur. Studies (Hons)* - u *Bachelor of European Studies - B.Eur Studies* - taħt il-patroċinju tal-*European Documentation and Research Centre*.

L.N. No. 308 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 to amend the Bye-Laws of 2005 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Degrees of Bachelor of European Studies (Honours) - B.Eur. Studies (Hons) - and Bachelor of European Studies - B.Eur Studies - under the auspices of the European Documentation and Research Centre.

A.L. Nru. 309 ta' l-2006: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti ta' l-2006 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-*Diploma in Policing* - taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Istudji Forensiċi.

L.N. No. 309 of 2006: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2006 in terms of the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004 for the Diploma in Policing - under the auspices of the Institute of Forensic Studies.

Nru. 1022

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Bord ta' Kummissarji Speċjali

Nomina ta' *Chairman*, Membri u Membri Sostituti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 57 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, (Kap. 364), il-President ta' Malta għamel in-nomini li ġejjin fil-Bord ta' Kummissarji Speċjali kostitwit skond l-Att imsemmi.

Chairman:
Dott. Simon Galea Testaferrata, LL.D.

Membri:
Is-Sur Robert Zerafa, BE&A (Hons), MSc Road Eng., A.&C.E.
Is-Sur Peter Paul Bartolo

Membri Sostituti:
Is-Sur Joseph Agius Bonello, A.&C.E.
Is-Sur John A. Consiglio, MBA, FCIB, Dip FS, Dip (Law & Adm).

Il-Membri Sostituti jaġixxu minflok il-Membri tal-Bord kull meta dawn ta' l-aħħar ma jkunux jistgħu jwettqu d-dmirjiet tal-kariga tagħhom.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 379 tad-19 ta' April, 2005 hija b'din imħassra.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

No. 1022

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP.364)

Board of Special Commissioners

Appointment of Chairman, Members and Substitute Members

IN exercise of the powers conferred by article 57 of the Duty on Documents and Transfers Act, (Cap. 364), the President of Malta has made the following appointment to the Board of Special Commissioners constituted under the said Act.

Chairman:
Dr Simon Galea Testaferrata, LL.D.

Members:
Mr Robert Zerafa, BE&A (Hons), MSc Road Eng., A.&C.E.
Mr Peter Paul Bartolo

Substitute Members:
Mr Joseph Agius Bonello, A.&C.E.
Mr John A. Consiglio, MBA, FCIB, Dip FS, Dip (Law & Adm).

The Substitute Members will act instead of the Members of the Board, whenever the latter are unable to carry out the functions of their office.

Government Notice No 379 of the 19th April, 2005 is hereby cancelled.

5th December, 2006

Nru. 1023

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TA' L-IMPIEG

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Anthony Azzopardi	Direttur *Director*	Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg *Industrial and Employment Relations*	1 - 2.12.2006

Il-5 ta' Diċembru, 2006

No. 1023

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR INDUSTRIAL AND EMPLOYMENT RELATIONS

THE Permanent Secretary in the Ministry of Education, Youth and Employment has approved the following acting appointment:–

5th December, 2006

Nru. 1024

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TAQSIMA TAL-KONSUMATUR U L-KOMPETIZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 1024

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CONSUMER AND COMPETITION DIVISION)

THE Permanent Secretary, Ministry of Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Godwin Mangion	A/Direttur Ġenerali *A/Director General*	Konsumatur u Kompetizzjoni *Consumer and Competition*	3 - 6.12.2006

Il-5 ta' Diċembru, 2006

5th December, 2006

Nru. 1025

KORPORAZZJONI TA' XOGĦOL U TAĦRIĠ

Ħatra ta' Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja'

IL-KORPORAZZJONI ta' Xogħol u Taħriġ b'din tgħarraf illi qed taħtar il-persuni msemmija hawn taħt biex ikunu membri tal-Bord ta' Eżamijiet fis-Snajja' skond l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kap. 343) biex jaraw il-kompetenza ta' persuni li jridu jaħdmu bħala *Land Surveyors*.

Chairperson
Is-Sur Mario Azzopardi

Membri Tekniċi
Is-Sur Eugenio Debono
Is-Sur Joseph Zammit

Rappreżentant ta' l-ETC
Is-Sur Colin Borg Ginger

Il-5 ta' Diċembru, 2006

No. 1025

EMPLOYMENT AND TRAINING CORPORATION

Appointment of Trade Testing Board

THE Employment and Training Corporation is hereby nominating the persons listed hereunder to be appointed members of the Trade Testing Board in terms of Article 40 of the Employment and Training Services Act (Cap. 343) to assess the competence of persons wanting to work as Land Surveyors.

Chairperson
Mr Mario Azzopardi

Technical Members
Mr Eugenio Debono
Mr Joseph Zammit

ETC Representative
Mr Colin Borg Ginger

5th December, 2006

Nru. 1026

MINISTERU TAL-FINANZI

Għotja fuq Xiri ta' Apparat għal Użu Domestiku li jkun Ċertifikat li huwa Effiċċjenti fl-Użu u fil-Konsum ta' l-Enerġija

BIEX il-gvern ikompli jinċentiva l-użu aħjar ta' l-enerġija li jipproduċi l-pajjiż, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi qed iniedi l-iskema li ġejja immirata biex tinkoraġġixxi l-użu ta' apparat għal użu domestiku li jkun ċċertifikat li huwa effiċċjenti fl-użu u fil-konsum ta' l-enerġija.

SKEMA

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xorta oħra:

'apparat għal użu domestiku' tfisser kwalunkwe apparat għal użu domestiku msemmi fil-lista li ġejja iktar l-isfel (skeda I), u li jkun imħaddem permezz tas-sistema nazzjonali ta' l-elettriku, liema apparat ikun inxtara minn Malta mingħand bejjiegħ reġistrat fid-data effettiva jew wara, u liema apparat ikun iċċertifikat bħala li għandu klassi minima ta' livell ta' effiċjenza kif jidher fil-kolonna tan-naħa tal-lemin ta' din il-lista. Rigward il-klassi ta' livell ta' effiċjenza dan għandu jkun konformi ma' l-Avviż Legali 99 ta' l-2002, kif sussegwentament emendat, u ntitolat – 'Regolamenti Dwar Indikazzjoni Permezz Ta' Tikkettjar U Informazzjoni *Standard* Tal-Prodott Dwar Il-Konsum Ta' L-Enerġija U Riżorsi Ohra Minn Apparat Domestiku':-

SKEDA I

Apparat għal Użu Domestiku	**Klassi Minima ta' Livell ta' Effiċjenza**
(i) *magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ*, eskluži magni li ma għandhomx il-kapaċita' tat-tidwir u magni li għandhom kompartamenti separati għal ħasil u tnixxif permezz tat-tidwir (bħal eżempju: *twin tubs*)	A
(ii) '*tumble dryers'*	A
(iii) *friġġijiet, friża w it-taħlit tagħhom*	A Tropikali A+ Semi-Tropikali A Semi-Tropikali (sal-31 ta' Marzu 2007 biss)

No. 1026

MINISTRY OF FINANCE

Grant on the Purchase of Household Appliances for Domestic Use Certified as Being Efficient in the Use and Consumption of Energy

IN order to further encourage the better use of the energy being generated by the country, the Prime Minister and Minister of Finance has made the following scheme that aims to encourage the use of household appliances for domestic use that are certified as being efficient in the use and consumption of energy.

SCHEME

1.Interpretation

In this Scheme, unless the context otherwise requires:

'household appliance for domestic use' means any electric mains-operated household appliance intended for domestic use mentioned in the list further hereunder (schedule I), which household appliance is purchased from Malta from a registered seller on or after the effective date, and which appliance is certified as having a minimum energy efficiency class as stipulated in the column on the right hand side of the list. With regards to the energy efficiency class, this must be in conformity with Legal Notice 99 of 2002 as subsequently amended and entitled - 'Indication By Labelling And Standard Product Information Of The Consumption Of Energy And Other Resources By Household Appliances Regulations':-

SCHEDULE I

Domestic Appliance	**Minimum Energy Efficiency Class**
(i) *washing machines*, excluding machines with no spin capability and machines with separate washing and spin drying vessels (such as twin tubs),	A
(ii) *tumble dryers*	A
(iii) *refrigerators, food freezers and their combinations*,	A Tropical A+ Semi-Tropical A Semi-Tropical (till the 31 March 2007 only)

(iv) dixwoxers	A
(v) *apparat għall-arja kkundizzjonata* b'kapaċita' ta' 12kW jew anqas	A

(iv) *dishwasher*s	A
(v) *air-conditioners* with an output equal to or less than 12kW	A

'applikant' tfisser persuna residenti f'Malta u li għalqet it-18-il sena fid-data ta' l-applikazzjoni jew qabel u li tkun għamlet xiri skond din l-iskema;

'applicant' means any person who is a resident of Malta and is 18 years of age or over on the day of application and has made a purchase in terms of this scheme;

'bejjiegħ reġistrat' tfisser bejjiegħ/a li jkun/tkun reġistrat/reġistrata ma' l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi (MRA) li jbiegħ/tbiegħ f'Malta apparat għal użu domestiku li jkun ċertifikat li għandu klassi ta' livell ta' effiċjenza skond l-iskeda I hawn fuq għal-iskop ta' din l-iskema;

'registered seller' means a seller who is registered with the Malta Resources Authority (MRA) to sell in Malta the household appliances for domestic use which are certified as being energy efficient in terms of schedule I above for the purpose of this scheme;

Applikazzjoniet għal reġistrazzjonijiet tal-bejjiegħa taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formula murija fl-iskeda (IV) ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skond din l-iskema;

Applications for registration of sellers under this scheme shall be made in the form set out in schedule (IV) of this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Novembru, 2006;

'effective date' means the 1st November, 2006;

'*fiche*' tfisser id-dukument identifikat bħala '*product fiche*' fl-Avviż Legali 99 ta' l-2002 kif sussegwentament emendat;

'fiche' means the document identified as 'product fiche' in the Legal Notice 99 of 2002 as subsequently amended;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'Malta' means the islands of Malta;

'riċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule of the Value Added Tax Act (Cap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made by the same Act;

'valur tax-xiri ta' apparat għal użu domestiku' tfisser il-valur finali tax-xiri ta' l-apparat għal użu domestiku kif muri fl-irċevuta fiskali.

'purchase price of the household appliance for domestic use' means the final purchase price of the household appliance for domestic use as shown in the fiscal receipt.

2. Min jista' japplika għall-għotja taħt din l-iskema

2. Area of applicability

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir fuq il-valur tax-xiri ta' apparat għal użu domestiku li jsir mill-applikant fid-data effettiva jew wara matul it-terminu ta' l-iskema.

This scheme applies to the expenditure that is incurred on the purchase of a household appliance for domestic use made by the applicant on or after the effective date during the duration of the scheme.

3. Infiq li għandu jiġi rapportat

3. Expenditure to be reported

L-infiq li għandu jiġi rapportat huwa dwar il-valur tax-xiri ta' l-apparat għal użu domestiku u kif muri fl-irċevuta fiskali.

The expenditure to be reported is in respect of the purchase price of the household appliance for domestic use as shown on the fiscal receipt.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu provduti

4. Manner of application and supporting documents

(i) Applikazzjoniet taħt din l-iskema għandhom isiru mill-bejjiegħ reġistrat f'isem l-applikant wara l-ħlas komplut,

(i) Applications under this scheme shall be made by the registered seller on behalf of the applicant following full

fuq il-formola murija fl-iskeda (III) li tinsab ma' din l-iskema u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skond din l-iskema.

(ii) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom mehmuża magħhom id-dokumenti li ġejjin:

(a) l-irċevuta fiskali oriġinali tal-valur tax-xiri ta' l-apparat għal użu domestiku flimkien ma' l-invojs oriġinali;

(b) kopja tal-*fiche* awtentikata mil-bejjiegħ;

(ċ) in-nota tal-kunsinna jew l-ekwivalenti li turi biċ-ċar l-indirizz fejn intbagħat l-apparat għal-użu domestiku;

(d) kull dokument ieħor li l-Ministru responsabbli għall-Finanzi jista' jitlob minn żmien għal żmien.

(iii) Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkunu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din l-iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, inkluż id-dokumenti meħtieġa li jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, għandhom jintbagħtu mill-bejjiegħ reġistrat f'isem l-applikant u jkunu indirizzati lill-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi, Millennia, it-Tieni Sular Triq Aldo Moro, Marsa, fi żmien *tliet xhur* mid-data tax-xiri ta' l-apparat għal użu domestiku..

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

Applikanti li jikkwalifikaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' 20% fuq il-valur tax-xiri ta' l-apparat għal użu domestiku, sa massimu kif indikat fl-iskeda II ta' hawn taħt:

payment, in the form set out in schedule (III) to this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the documents shown hereunder;

(a) the original fiscal receipt and the original invoice relating to the purchase of the household appliance for domestic use;

(b) a copy of the 'fiche' authenticated by the seller;

(c) the delivery note or its equivalent, with the delivery address clearly identified;

(d) any other document which the Minister responsible for Finance may, from time to time, require.

(iii) Only those applications that are found to conform with all the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of the scheme.

(iv) Applications under this scheme, including the documents that are to be submitted with the application, shall be submitted/sent by the registered seller on behalf of the applicant to the Malta Resources Authority, Millennia, Second Floor Aldo Moro Street, Marsa, by not later than *three months* from the date of purchase of the household appliance for domestic use

5. Grant payable under this scheme

Eligible applicants may apply for a grant of 20% on the purchase of the household appliance for domestic use, subject to a maximum grant as indicated in the following schedule II:

Skeda II

Apparat Domestiku	**Għotja Massima f'Lm**
(i) magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ	25
(ii) *tumble dryers*	25
(iii) friġġijiet, friża w it-taħlit tagħhom	50, barra fil-kategorija A semi-tropikali li l-massimu jkun 25 u liema għotja hija valida sal-31 ta' Marzu 2007 biss
(iv) dixwoxers	25
(v) apparat għall-arja kkundizzjonata	25

Schedule II

Domestic Appliance	**Maximum Grant in Lm**
(i) washing machines	25
(ii) tumble dryers	25
(iii) refrigerators, food freezers and their combinations	50, except for the A semi-tropical class which maximum is 25 and which grant is valid only till the 31 March 2007
(iv) dishwashers	25
(v) air-conditioners	25

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant permezz ta' *cheque* fl-indirizz li jidher fuq l-applikazzjoni.

7. Validita' ta' l-applikazzjoni

Ma jitqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ u kemm-il darba ma jkollhiex mehmuż magħha d-dokumentazzjoni mitluba fl-imsemmija applikazzjoni.

8. Tul ta' din l-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għal żmien ta' sena mil-1 ta' Novembru 2006, sakemm din l-iskema ma tiġix modifikata/mitmuma permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta, u tiġġedded skond kif jaħseb li hemm il-ħtieġa il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u kif tiġi hekk ppublikata permezz ta' Notifikazzjoni oħra fil-Gazzetta.

9.Emendi ghall-iskema

Il-Ministru responsabbli għall-Finanzi jżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta.

10. Dispożizzjonijiet transitorji

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għal apparati għal użu domestiku li nxtraw bejn l-1 ta' Novembru 2006 u d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema. F'dawn il-każijiet l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu *fi żmien tliet xhur* mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

SKEDA III (ara paġna 10,774)

SKEDA IV (ara paġna 10,778)

6. Payment of Grant

The grant will be paid to the applicant by cheque posted to the address shown on the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all the documentation requested therein.

8. Duration of the scheme

This scheme shall remain in force for a period of one year as from the 1 November 2006 unless modified/terminated beforehand by a Notice in the Gazette, and shall be renewed as deemed necessary by the Minister responsible for Finance and as shall be thus published in another Notice in the Gazette.

9. Amendments to the scheme

The Minister responsible for Finance shall have the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Gazette.

10. Transitory provisions

Applications made under this scheme for household appliances for domestic use purchased between the 1 November 2006 and the date of publication of this notice shall be deemed to be valid applications under this scheme. In such cases applications shall be submitted within *three months* from the date of publication of this notice.

SCHEDULE III (see page 10,776)

SCHEDULE IV (see page 10,778)

MALTA RESOURCES AUTHORITY

Numru ta' Referenza

Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi
Millennia
Triq Aldo Moro
Marsa LQA06
Numru tat-telefon: 22955000

APPLIKAZZJONI GĦAL GĦOTJA FUQ APPARAT GĦAL UŻU DOMESTIKU ĊĊERTIFIKAT LI HUWA EFFIĊĊJENTI FL-UŻU TA' L-ENERĠIJA

Dettalji ta' l-applikant

Jiena _____

Nru. tal-I.D. _____ Nru.tat-telefon _____

u li noqgħod _____

_____

_____

qed napplika għall-għotja fuq apparat għal użu domestiku u ċċertifikat li huwa effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija.

Dettalji ta' l-apparat għal użu domestiku

L-apparat għal użu domestiku mixtri huwa _____

Isem il-bejjiegħ reġistrat mal-MRA_____

In-numru tal-irċevuta fiskali _____

Id-data ta' meta xtrajt l-apparat _____

L-isem tal-*brand* _____

In-numru tal-mudell _____

Klassi ta' livell ta' effiċjenza ta' l-apparat _____

Dikjarazzjoni ta' l-applikant

Niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti u l-apparat li xtrajt huwa għal-użu domestiku biss. Niddikjara wkoll li din it-talba hija waħda finali.

_____ _____
Firma Data

Nitlob sabiex il-għotja titħallas kif jidher hawn taħt:

Isem _____

Indirizz _____

_____

Dikjarazzjoni tal-bejjiegħ reġistrat

Niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti. Qed nibgħat ukoll f'isem l-applikant id-dokumenti kollha meħtieġa u mitluba skond din l-iskema.

_____ _____ _____
Isem komplut il-bejjiegħ Firma Data

_____ _____
Numru tat-telefon Numru tal-I.D

Timbru uffiċċjali ta' l-azjenda:

Id-dokumenti hawn taħt imsemmija huma meħtieġa:-
(i) L-irċevuta fiskali oriġinali u l-invojs tax-xiri ta' l-apparat għal użu domestiku, u li fuqhom jintwerew l-isem tal-bejjiegħ u x-xerrej, id-data tax-xiri, in-numru tal-mudell u s-serje, flimkien ma' l-isem tal-*brand* ta' l-apparat
(ii) Kopja tal-*fiche* awtentika mil-bejjiegħ
(iii) In-nota tal-kunsinna jew l-ekwivalenti li tkun ċertifikata mill-bejjiegħ u li turi biċ-ċar l-indirizz fejn intbagħat l-apparat għal użu domestiku

It-tagħrif personali mogħti fuq din il-formola huwa protett u użat skond l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data. It-tagħrif mogħti fuq din l-applikazzjoni ser jintuża mill-Ministeru tal-Finanzi, mid-Dipartiment tal-VAT u mill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

MALTA RESOURCES AUTHORITY

APPLICATION FOR A GRANT ON THE PURCHASE OF HOUSEHOLD APPLIANCE FOR DOMESTIC USE CERTIFIED AS BEING EFFICIENT IN THE USE OF ENERGY

Malta Resources Authority
Millennia
Triq Aldo Moro
Marsa, LQA06
MALTA

Tel. : +356 2122 0619
Fax.: +356 2295 5200
Email: mra@mra.org.mt
www.mra.org.mt

Details of the applicant

I _____

I.D. number _____ telephone number _____

and residing at _____

_____

wish to apply for a grant on the purchase of household appliance for domestic use.

Details of the household appliance

The household appliance bought is _____

Name of the MRA registered seller _____

Fiscal receipt number _____

Purchase date _____

Brand name _____

Model number _____

Energy efficiency class _____

Applicant's declaration

I declare that the details and information in this application form are correct and the household appliance bought is to be used solely for domestic use. I declare that the request being made is final:

_____ _____
Signature Date

I request that payment of the grant be effected, in the name of:

Name _____
and posted at the following address:

Address _____

_____

Registered seller's declaration

I declare that the details and the information in this application form are correct. I am also submitting on behalf of the applicant all the relative documents requested under this Scheme.

_____ _____ _____
Full name of the registered seller Signature Date

_____ _____
Telephone number I.D card number

Enterprise's official rubber stamp:

The following documents are required:-

(i) The original fiscal receipt and the invoice of the purchase of the household appliance, listing the name of the seller and the purchaser, date of purchase and model, together with the brand name of the domestic appliance
(ii) A copy of the appliance 'fiche' certified by the retailer
(iii) The delivery note or its equivalent with the delivery address clearly identified and certified by the retailer.

Personal information provided on this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act. The information shown on this application form will be used by the Ministry of Finance, the Department of VAT and the Malta Resources Authority.

MRA
MALTA RESOURCES AUTHORITY

Application for registration as a participating retailer in relation to the Scheme for Grant on the Purchase of Household Appliances for Domestic Use certified as being efficient in the Use and Consumption of Energy

Malta Resources Authority
Millennia
Triq Aldo Moro
Marsa, LQA06
MALTA

Tel. : +356 2295 5000
Fax.: +356 2295 5200
Email: mra@mra.org.mt
www.mra.org.mt

Importer:

Appliance type	Make/ Manufacturer	Model	Energy efficiency rating	Climate class	Cost to customer (Lm)	Quantity sold Period:

I certify that all the information provided here is accurate to the best of my knowledge, and that I am authorised to sign on behalf of the company.

Signature _____ Date _____ _____

Name in block letters of signatory on behalf of retailer _____ Position _____ _____

Telephone number _____ ID Card Number _____ Address: _____

Terms and conditions:

1. Personal information provided by the retailer will be protected and used in accordance with the Data Protection Act. Without prejudice to any Act, [the retail price and] the volume of sales shall be considered to be commercially sensitive data and will only be published in such a manner that individual retailers cannot be identified, but may be shared by/with the Malta Resources Authority, the Ministry for Finance and the VAT department. All information other than personal or commercially sensitive information may be published.
2. Retailers may be suspended or withdrawn from the scheme after notification in writing from the Malta Resources Authority.
3. Random audits may be carried out by the Malta Resources Authority or its agents. Participation in the scheme implies that the retailer is agreeing to such auditing. Original literature, in the English or Maltese language, must be available to support any claim in this return and provided upon request to the MRA.

Documentation required with application form

For the first registration or listing of any appliance:
Certified copy of technical documentation - energy efficiency test reports for each appliance qualified for a rebate. This documentation will not be required where the retailer did not import the appliances directly, provided that the wholesaler supplied the relevant documentation to the MRA.
Copies of fiche or label for all other appliances listed in the document. Catalogues will be accepted in lieu of labels/fiches provided that all the information that is required on the label is included in the catalogue.

Definitions

"technical documentation" means the document identified as such in regulation 5 of the "Indication by labelling and standard product information of the consumption of energy and other resources by household appliances regulations, 2002" as amended.
"Certified" means a statement by any authorised person of the manufacturer on the document stating "Corresponding to the original" and having this statement signed, stamped and dated. The position within the company of the signatory is also required.

Instructions for completing the application

Appliance type - All refrigerator, freezer or refrigerator/freezer combination; air conditioner; washing machine, dryer or washer/dryer combination; dishwasher types in stock (even if they do not qualify for the rebate) sold by the retailer are to be listed.

Energy consumption - kWh/year for refrigerators and freezers and combinations; kWh/complete cycle for washing machines, dryers and their combination; kWh/ cycle for dishwashers; Annual energy consumption, kWh in cooling mode for air conditioners.

Climate class (cooling appliances only) – SN, N, ST, T or ranges.

Cost to customer (Lm) – Showroom price not including discounts.

Quantity sold – For 2005 for the first return, 2006 for the second return (due by the end of January 2007) and six monthly for subsequent returns (due end July and January annually, for the duration of the scheme).

Send this form, together with all supporting documentation to Malta Resources Authority, Millennia, Aldo Moro Road, Marsa. Applications by email to mra@mra.org.mt will be accepted provided that receipt of email is acknowledged by the Authority, that all the information required is submitted in a clearly and easily identifiable and retrievable format, and that all the technical documentation is submitted separately.

Nru. 1027

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
135	Sitka Court Ix-Xatt ta' Qui-Si-Sana Sliema	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	1/12/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

Il-5 ta' Diċembru, 2006

No. 1027

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

5th December, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 60 ta' l-2006

Stħarriġ bit-Tkarkir Madwar l-Ibħra Maltin

Qed isir stħarriġ bit-Tkarkir fl-Ibħra Maltin sas-27 ta' Diċembru 2006 mill-bastiment tas-sajd Taljan "S ANNA", Numru tar-Reġistrazzjoni MV 0292.

Il-baħħara huma mitluba biex joqogħdu attenti għal dan u biex iżommu 'l bogħod minnu meta jilmħuh dan il-bastiment fl-Ibħra Maltin.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 60 of 2006

Trawl Surveys Around the Maltese Waters

A Trawl Survey will be conducted in the Maltese Waters with immediate effect until 27th December 2006 by the Italian fishing vessel "S ANNA" Registration Number MV 0292.

Mariners are requested to note the above and give a wide berth when this vessel is sighted in Maltese Waters.

5th December, 2006

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Applikazzjoni *Outline* biex jiġi Kkonsolidat Żvilupp ta' Impjant ta' Kostruzzjoni Eżistenti li Jinkludi Estensjonijiet u Titjib ta' Faċilitajiet Eżistenti, Ħal Farruġ, limiti tas-Siġġiewi
(PA 01591/04 / GF 00122/04)

Konsultazzjoni u Wirja Pubblika

Se ssir laqgħa ta' konsultazzjoni u wirja pubblika f'Pams Hall, Triq Santa Margerita, is-Siġġiewi nhar it-Tlieta, id-19 ta' Diċembru 2006 mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Outline Application to Consolidate Existing Construction Plant and Including Extensions and Improvements to Existing Facilities, Triq ta' Ħal Farruġ, l/o Siġġiewi
(PA 01591/04 / GF 00122/04)

Public Consultation and Exhibition

A public consultation and exhibition will be held at Pams Hall, Triq Santa Margerita, Siġġiewi on Tuesday, 19th December 2006 from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Il-pubbliku jista' jitlob informazzjoni, kjarifiki u jiddiskuti l-*Environmental Impact Assessment* (EIA) mal-konsultenti waqt il-wirja.

Laqgħat

Se jkun hemm numru ta' laqgħat ma' diversi *stakeholders* waqt il-konsultazzjoni pubblika. Il-laqgħat kollha huma miftuħa għall-pubbliku u l-kummenti se jiġu rrekordjati.

Il-kummenti fuq l-impatt ambjentali jistgħu wkoll jintbagħtu bil-miktub sa mhux aktar tard mis-26 ta' Diċembru, 2006 għand id-Direttur, Direttorat għall-Ħarsien ta' l-Ambjent, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, il-Furjana, jew fuq l-indirizz elettroniku: eiamalta@mepa.org.mt, mhux aktar tard mit-2 ta' Jannar 2007.

Aktar dettalji jinstabu fuq il-*websites*:

www.mepa.org.mt
u
http://www.mepa.org.mt/eia-malta/index.htm

Il-5 ta' Diċembru, 2006

Members of the public may ask for information, request clarifications, and discuss the Environmental Impact Assessment (EIA) with the consultants during the exhibition.

Meetings

Focused meetings with stakeholders will also be held throughout the duration of the public consultation exercise. All meetings will be open to the public. All comments made will be recorded.

Written submissions on the environmental impact of the proposed development may also be sent to the Director, Environment Protection Directorate, Malta Environment and Planning Authority, St. Francis Ravelin, Floriana, or via email: eiamalta@mepa.org.mt, by not later than 2nd January, 2007.

Further details can be obtained from the following websites:

www.mepa.org.mt
and
http://www.mepa.org.mt/eia-malta/index.htm

5th December, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Funding Support Officer,* Forum Malta fl-Ewropa fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Funding Support Officer*, Forum Malta Fl-Ewropa, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

2.1 Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Funding Support Officer* fil-Forum Malta fl-Ewropa fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Funding Support Officer* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Funding Support Officer, Forum Malta Fl-Ewropa within the Ministry of Foreign Affairs

The Public Service Commission invites applications for the position of Funding Support Officer at the Forum Malta Fl-Ewropa within the Ministry of Foreign Affairs.

2.1 The selected candidate will enter into a three-year contract as Funding Support Officer in the Forum Malta Fl-Ewropa within the Ministry of Foreign Affairs. Unsatisfactory performance as Funding Support Officer during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Foreign Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 8, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Funding Support Officer* fil-Forum Malta fl-Ewropa u tkun trasferita għal doveri li jikkorispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 8 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service and, during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 8, he/she will be required to relinquish the duties of Funding Support Officer in the Forum Malta fl-Ewropa and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 8 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Funding Support Officer* fil-Forum Malta fl-Ewropa huwa ekwivalenti għal skala ta' salarju 8 (Lm6,526 x 209 – Lm7,780 fis-sena 2007). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3. The position of Funding Support Officer in the Forum Malta fl-Ewropa carries a salary equivalent to Salary Scale 8 (Lm 6,526 x 209 – Lm 7,780 in 2007). In case that a selected applicant is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 Persuna fil-ħatra ta' *Funding Support Officer,* Forum Malta fl-Ewropa, tkun responsabbli, *inter alia,* għad-dmirijiet li ġejjin:

4.1 The Funding Support Officer at the Forum Malta fl-Ewropa will be responsible, inter alia, for the following tasks:

i. Tgħin fil-preparazzjoni u l-aġġornamenti annwali tal-kontribuzzjoni li l-Forum Malta fl-Ewropa tagħmel fil-*budget* u l-pjan strateġiku tal-Ministeru;

i. Providing input to the preparation and annual update of the Forum's contribution to the Ministry's Strategic Plan and Budget;

ii. Tikkontribwixxi fil-preparazzjoni ta' rapporti dwar l-ispiża u l-*performance* attwali u previsti, dwar il-*commitment* ta' spejjeż, kif ukoll dwar materji maniġerjali relevanti oħra. Tagħmel *monitoring* ta' spejjeż u *performance vis-a-vis* allokazzjonijiet u tbassir u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar devjazzjonijiet signifikanti;

ii. Providing input in the preparation of reports on forecast and actual expenditures and performance, on the commitment of expenditure, and on any other matter of managerial relevance, monitoring them against allocations and forecasts, and advising of any likely deviation of significance from expectations;

iii. Tagħmel *monitoring* u tassigura li b'mod effettiv u effiċjenti jintlaħqu l-oġġettivi ta' fondi mill-UE permezz ta' programmi u inizjattivi;

iii. Monitoring and ensuring the effective and efficient attainment of the objectives of EU funding programmes and initiatives;

iv. Tassisti kumpaniji biex jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ta' kummerċ u tesponihom għal swieq barranin u *partners* f'pajjiżi oħrajn;

iv. Assisting companies to take advantage of business opportunities and exposing them to markets and possible partners in other countries;

v. Tassisti fil-proċess ta' *EU policy-making* relatat ma' *funding* billi tiġbor u tanalizza reazzjonijiet u l-problemi li tiltaqa' magħhom fis-suq. Din l-informazzjoni tingħata lid-*database* tal-*Commission's Interactive Policy Making (IPM);*

v. Assisting in the EU policy-making process related to funding by collecting and analysing reactions and problems encountered in the marketplace and submit such information to the Commission's Interactive Policy Making (IPM) initiative database;

vi. Tassigura li jkun hemm l-istrutturi kif suppost u kif inhu mitlub mill-programmi għal *EU funding;*

vi. Ensuring that the Unit has the appropriate structures in place that are required for EU funding programmes;

vii. Tissorvelja l-immaniġġjar ta' informazzjoni kif miġbura mill-*Information Officers* marbuta ma' programmi u inizjattivi ta' l-UE;

vii. Overseeing the management of information collected and stored by the Information Officers related to EU programmes and initiatives;

viii. toħloq relazzjonijiet u *networks* ma' *partners* potenzjali li jistgħu jissieħbu ħalli żżomm ruħha aġġornata ma' xejriet u strateġiji ġodda, opportunitajiet ta' dħul u bżonnijiet tekniċi filwaqt li toħloq *partnerships* effettivi u *consortia* għall-applikazzjonijiet ta' *funding;*

ix. tassigura li l-*briefing* meħtieġ jingħata fuq il-materji mportanti li huma marbuta ma' materji ta' *operations;*

x. tassigura li s-servizz meħtieġ u r-responsabbiltajiet talkariga jingħataw skond il-*budgets* approvati u ż-żminijiet stipulati.

4.2 Il-persuna fil-ħatra ta' *Funding Support Officer* trid twettaq dmirijiet imsemmija hawn fuq b'mod diliġenti u leali lejn l-interessi tal-Forum Malta fl-Ewropa.

5. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Expatriates, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom *post graduate degree* Universitarju rikonoxxut u relevanti jew kwalifika komparabbli xierqa u rikonoxxuta; jew

(ii) ikollhom *first degree* Universitarju rikonoxxut u relevanti jew kwalifika komparabbli xierqa u rikonoxxuta u mill-inqas sentejn esperjenza ta' xogħol relevanti.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (dawk l-applikanti li huma diġà fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom

viii. Developing relationships and networks with potential partners in order to keep abreast of changing trends and strategies, income opportunities, technical requirements and to establish effective partnerships and consortia of funding applications;

ix. Ensuring that appropriate briefing is provided on all issues of substance related to operational matters;

x. Ensuring the delivery of the services and overall responsibilities of this position within the approved budgets and agreed timeframes.

4.2 In performing the above-listed tasks, the officer shall work diligently and loyally in the best interests of the Forum Malta fl-Ewropa.

5. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) be the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) be in possession of a relevant post-graduate degree from a recognised University or an appropriate recognised, comparable qualification; or

(ii) be in possession of a relevant first degree from a recognised University or an appropriate recognised, comparable qualification and at least two (2) years relevant work experience.

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave

jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47)*. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jiddikjaraw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ukoll ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodifax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u kkupjata lill-KNDP.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikat u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.2 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità kkonċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta (skond kif applikabbli), liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must provide a certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

9.1. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat min minnhom huwa adatta għal din il-pożizzjoni.

9.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http:www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Jannar 2007.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra permezz ta' *fax,* jew messaġġ ieħor simili ta' komunikazzjoni sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Jannar 2007, jistgħu jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa +365 21-236604).

13.1 Tingħata riċevuta minnufih mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sad-Dipartiment.

13.2 Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta.

11. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 5th January 2007.

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 5th January 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Ministry is +356 2123 6604).

13. 1 Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry of Foreign Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

13.2 Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry of Foreign Affairs within seven (7) days.

5th December, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Funding Support Coordinator*, Forum Malta fl-Ewropa fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Funding Support Coordinator*, fil-Forum Malta fl-Ewropa, fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

2.1. Il-persuna magħżula tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Funding Support Coordinator* fil-*Forum Malta fl-Ewropa*. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Funding Support Coordinator* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjali Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv meta jintemm il-kuntratt. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li jiġi tterminat il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Funding Support Coordinator* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Funding Support Coordinator* fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa ekwivalenti għall-massimu ta' skala 7 (Lm8,316 fl-2007). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. Persuna fil-ħatra ta' *Funding Support Coordinator*, *Forum Malta fl-Ewropa,* tkun responsabbli, *inter alia*, għal dawn id-dmirijiet:

i. Tħejjiq u timplementa strateġija ta' *funding* nazzjonali bil-kollaborazzjoni ta' entitajiet oħra jew aġenziji ta' *funding* sabiex jiġu identifikati opportunitajiet ta' fondi mill-UE;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Funding Support Coordinator, *Forum Malta fl-Ewropa* within the Ministry of Foreign Affairs

The Public Service Commission invites applications for the position of Funding Support Coordinator at the Forum Malta Fl-Ewropa, within the Ministry of Foreign Affairs.

2.1. The selected candidate will enter into a three year contract as Funding Support Coordinator in the *Forum Malta fl-Ewropa*. Unsatisfactory performance as Funding Support Coordinator during the contract period will lead to termination of contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officers holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, his/her service with the Ministry of Foreign Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be expected to relinquish the duties of Funding Support Coordinator and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Funding Support Coordinator carries a salary equivalent to the maximum of salary scale 7 (Lm8,316 in 2007). In the case that a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The Funding Support Coordinator at the *Forum Malta fl-Ewropa* will be responsible, *inter alia*, for the following tasks:

i. Developing and implementing a national funding strategy in collaboration with other national funding agencies for the identification of EU funding opportunities;

ii. Iżżomm kuntatt regolari mal-Kummissjoni Ewropea fuq l-aspetti kollha tal-parteċipazzjoni fi programmi u inizjattivi ta' l-EU;

iii. Tgħin fil-preparazzjoni u l-aġġornamenti annwali tal-kontribuzzjoni li l-*Forum Malta fl-Ewropa* tagħmel fil-*budget* u l-pjan strateġiku tal-Ministeru;

iv. Tikkontribwixxi fil-preparazzjoni ta' rapporti dwar l-ispiża u l-*performance* attwali u previsti, dwar il-*commitment* ta' spejjeż, kif ukoll dwar materji maniġerjali relevanti oħra. Tagħmel *monitoring* ta' spejjeż u *performance vis-a-vis* allokazzjonijiet u tbassir u tagħmel rakkomandazzjonijiet dwar devjazzjonijiet signifikanti;

v. Tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva ta' entitatijiet privati/pubbliċi fi programm u inizjattivi ta' EU *funding*;

vi. Tikkollabora u tagħmel *networking* ma' aġenziji nazzjonali ta' fondi oħrajn bħal *Planning and Priorities Co-ordination Directorate (PPCD)* fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru; il-*European Union Programmes Unit (EUPU)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol; u fis-*6th EU Framework Programme* fil-Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija rigward sorsi ta' opportunitajiet ta' EU *funding*;

vii. Tagħmel *monitoring* u tassigura li b'mod effettiv u effiċjenti jintlaħqu l-oġġettivi ta' fondi mill-UE permezz ta' programmi u inizjattivi;

viii. Tassisti kumpaniji biex jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ta' kummerċ filwaqt li tesponihom għall-swieq u *partners* minn pajjiżi oħra;

ix. Toħloq l-*expertise* neċessarju fil-*Forum Malta fl-Ewropa funding unit* sabiex tkun f'pożizzjoni li tagħti risposti fuq materji ta' *funding* filwaqt li tagħti pariri fl-oqsma ta' *funding* u kooperazzjoni fil-kummerċ;

x. Toħloq u żżomm sistema ta' informazzjoni ħalli tindirizza mistoqsijiet u tipprovdi lill-Gvern, u entitajiet non-governattivi u l-pubbliku ġenerali b'informazzjoni marbuta ma' opportunitajiet ta' *funding*;

xi. Tassisti fil-proċess ta' EU *policy-making* marbut ma' *funding* billi tiġbor u tanalizza reazzjonijiet u problemi li jinħolqu fis-suq u tagħti din l-informazzjoni għad-*database* tal-*Commission's Interactive Policy Making (IPM).*

4.2. Il-persuna fil-ħatra ta' *Funding Support Officer* trid twettaq id-dmirijiet msemmija hawn fuq b'mod diliġenti u lejali lejn l-interessi tal-*Forum Malta fl-Ewropa.*

ii. Liaising with the European Commission on all aspects of Malta's participation in EU programmes and initiatives;

iii. Providing input to the preparation and annual update of the Forum's contribution to the Ministry's Strategic Plan and Budget;

iv. Providing input in the preparation of reports on forecast and actual expenditures and performance, on the commitment of expenditure, and on any other matter of managerial relevance, monitoring them against allocations and forecasts, and advising of any likely deviation of significance from expectations;

v. Encouraging the active participation of public/private entities in EU funding programmes and initiatives;

vi. Collaborating and networking with other national funding agencies such as the Planning and Priorities Co-ordination Directorate (PPCD) within the Office of the Prime Minister, the European Union Programmes Unit (EUPU) within the Ministry of Education, Youth and Employment and the 6th EU Framework Programme within the Malta Council for Science and Technology (MCST) regarding the sourcing of EU funding opportunities;

vii. Monitoring and ensuring the effective and efficient attainment of the objectives of EU funding programmes and initiatives;

viii. Assisting companies to take advantage of business opportunities and exposing them to markets and possible partners in other countries;

ix. Developing the necessary expertise within the *Forum Malta fl-Ewropa* funding unit in order to be in a position to answer queries on various funding issues and to take on an advisory role in the areas of funding and business co-operation;

x. Developing and maintaining information systems to address queries and provide government, non-government entities and the general public with information related to funding opportunities;

xi. Assisting in the EU policy-making process related to funding by collecting and analysing reactions and problems encountered in the marketplace and submit such information to the Commission's Interactive Policy Making (IPM) initiative database.

4.2. In performing the above-listed tasks, the officer shall work diligently and loyally in the best interests of the *Forum Malta fl-Ewropa*.

5. 1. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE); jew

(iv) ikunu l-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom *post graduate degree* Universitarju rikonoxxut u relevanti jew kwalifika komparabbli xierqa u rikonoxxuta u mill-inqas sena ta' esperjenza ta' xogħol f'qasam relatat;

jew

(ii) ikollhom *first degree* Universitarju rikonoxxut u relevanti jew kwalifika komparabbli xierqa u rikonoxxuta u mill-inqas tliet snin esperjenza ta' xogħol f'qasam relatat;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (dawk l-applikanti li huma diġà fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jiddikjaraw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

5.2. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li għandhom għarfien dwar il-finanzi.

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-

5.1. Applicants must:-

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State;

or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) be able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) (i) in possession of a relevant postgraduate degree from a recognised University or an appropriate comparable, recognised qualification and at least one (1) year relevant work experience;

or

(ii) in possession of a relevant first degree from a recognised University or an appropriate comparable, recognised qualification and at least three (3) years relevant work experience;

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2. Due consideration will be given to applicants with a financial background.

6.1. Persons registered with the National Commission for

Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), anki jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, sakemm ukoll ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, 2000, even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodifax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u kkupjata lill-KNDP.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs and copied to the NCPD.

7.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikat u/jew dokumenti. (Fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

7.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhom/għandhom ħatra sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code*. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-MPO fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

8. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the Management and Personnel Office website at address:- http://www.mpo.gov.mt.

9.1. L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqgħodu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat min minnhom huwa adatta għal din il-pożizzjoni.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2. Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-

9.2. The result of the interviews will be published by the

Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Foreign Affairs.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the publication of the notice in the Government Gazette.

10. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Triq il-Merkanti, Valletta.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Office of the Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta.

11. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu fl-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Jannar 2007.

11. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience will be received in the first instance by the Office of the Permanent Secretary at the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, by not later than noon of Friday, 5th January 2007.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra permezz ta' *fax*, jew mezz ieħor simili ta' komunikazzjoni sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Jannar 2007 jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola ta' l-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti, Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin huwa +365 21-236604).

12. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 5th January 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach Office of Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Ministry of Foreign Affairs is +356 21236604).

13.1. Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin.

13.1. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

13.2. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data ta' l-għeluq. Il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin jibgħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

13.2. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing within seven (7) days.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

5th December, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Senior Registrar (Cardiology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Senior Registrar (Cardiology)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Fis-sena 2007 il-post ta' *Senior Registrar (Cardiology)* għandu salarju ta' Lm7,910 fis-sena li jitla' b'żidiet ta' Lm275 fis-sena sa massimu ta' Lm9,560 (Skala ta' Salarju 5).

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jinkludi *night duty*. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3 Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna nominata trid tgħin lill-*Consultant Cardiologist* fil-maniġġjar ġenerali tal-pazjenti.

5.2. Il-persuna nominata trid tkun taf sewwa l-maniġġjar ta' kuljum tal-pazjenti li jkunu fis-swali, fil-*Coronary Care Unit*, fl-*Out-Patient Department* u fl-*Accident and Emergency Department*.

5.3. Il-persuna nominata trid tgħin fil-proċeduri ta' interventi dijonjostiċi u terapewtiċi li jsiru fil-*Catheterisation Laboratory* inkluż id-dħul ta' *pacemakers* permanenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Senior Registrar (Cardiology) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Senior Registrar (Cardiology) in the Health Division.

2. In the year 2007 the post of Senior Registrar (Cardiology) carries a salary of Lm7,910 per annum rising by annual increments of Lm275 up to a maximum of Lm9,560 (Salary Scale 5).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which will include night duty. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of workġ and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be required to assist the Consultant Cardiologist in the overall management of patients.

5.2. The appointee should be fully conversant with the acute and day to day management of Cardiac patients seen in the Wards, Coronary Care Unit, Out-Patient Department and Accident and Emergency Department.

5.3. The appointee will assist in the various interventional diagnostic and therapeutic procedures carried out in the Catheterisation Laboratory including the insertion of permanent pacemakers.

5.4. Il-persuna nominata trid taħdem skond roster imfassal skond il-ħtiġiet tad-Dipartiment. Hi trid tieħu deċiżjonijiet meħtieġa dwar il-maniġġjar ta' pazjenti u tirreferi għall-'*Consultant on Call*' għall-parir kif jinħtieġ u xieraq.

5.4. The appointee will perform duties according to a roster tailored to the needs of the Department. He/She will take the necessary decisions concerning the management of patients and will refer to the 'Consultant on Call' for advice as necessary and appropriate.

5.5. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tieħu sehem fil-programm ta' taħriġ u tagħlim inkluż dawk għall-istudenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni li jiġu organizzati mid-Dipartiment tal-Kardjoloġija u li tinvolvi ruħha fi programm kontinwu ta' riċerka.

5.5. The appointee will be required to participate in any teaching or training programme for undergraduates or postgraduates organised by the Department of Cardiology and to involve himeself/herself in on-going research programmes.

The Chairman, Malta Industrial Parks Ltd, notifies that:

Sealed tenders will be received at the offices of the Malta Industrial Parks Ltd., UB8 San Ġwann Industrial Park, San Ġwann, up to 10.00 a.m. on Thursday, 14th December, 2006 for:–

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D20/06. Internal and external building works in factories at Bulebel, Marsa, Kordin, Hal Far and other Industrial Estates.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Advt. No. MIP/TQF/GEN/D22/06. Demolition, Excavation and works below DPC at various Industrial Estates.

A fee of Lm20 will be charged for each tender document.

Forms of tenders and further information may be obtained from the offices of the Malta Industrial Parks Ltd., UB8 San Ġwann Industrial Park, San Ġwann, on any working day from 8.30 a.m. to 11.30 a.m.

5th December, 2006

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Diċembru 2006, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 28/06. Manifattura u provvista ta' poġġaman ta' l-i*stainless steel* fl-Istitut tas-Servizzi għall-Komunità, MCAST Main Campus, Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull dokument ta' l-offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

L-offerti għandhom jingħalqu f'envelop u indirizzati lill-prinċipal. Għandhom ikunu immarkati bil-kodiċi u titlu rispettiv kif jidher hawn fuq. Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Friday, 15th December, 2006, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 28/06. Manufacture and supply of stainless steel staircase railing at the Institute of Community Services, MCAST Main Campus, Corradino, Paola.

A fee of Lm10 should be paid for each tender document, which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Tenders should be placed in a sealed envelope and addresses to the principal. They should be marked with the respective code and title as stated above. Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

5th December, 2006

Dan il-Proġett huwa 75% ko-finanzjat mill-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali
Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Rata ta' Ko-Finanzjament: 75% UE u 25% Gvern ta' Malta
The Project is 75% co-funded by the European Regional Development Fund
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Co-Financing Rate: 75% EU and 25% Malta Government

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Prinċipal fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jgħarraf illi:-

Sas-2.00 p.m. ta' nhar il-Ġimgħa, il-15 ta' Diċembru 2006, jilqa' dokumenti ta' l-offerti fil-kaxxa ta' l-offerti apposta, minn persuni interessati għal:-

Avviż. Nru. MCAST T. 27/06. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' servizzi mekkaniċi u suffetti fl-MCAST *Prayer Room,* Kordin, Raħal Ġdid.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 għal kull dokument ta' l-

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Principal of the Malta College of Arts, Science and Technology notifies that:-

Tender documents should be deposited in the appropriate tender box up to 2.00 p.m. of Friday, 15th December, 2006, from interested parties for:-

Advt. No. MCAST T. 27/06. Supply, installation and commissioning of mechanical services at the MCAST Prayer Room, Corradino, Paola.

A fee of Lm15 should be paid for each tender document,

offerta li jista' jinġabar mid-Dipartiment ta' l-*Accounts* fil-Blokk ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 08 Tel: 21 801 590/1, *Fax*: 21 801 596 www.mcast.edu.mt mit-8.30 a.m. sa nofsinhar u mis-2.00 p.m. sal-4.00 p.m.

Offerti li jaslu tard ma jiġux aċċettati.

Il-Kulleġġ iżomm id-dritt li jirrifjuta xi offerti jew l-offerti kollha, ukoll dawk l-aktar vantaġġużi.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

which may be collected from the Accounts Department at the Administration Block, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 08 Tel: 21 801 590/1, Fax: 21 801 596 www.mcast.edu.mt from 8.30 a.m. to noon and from 2.00 p.m. to 4.00 p.m.

Late offers will not be accepted.

The College reserves the right to refuse any or all offers, even the most advantageous.

5th December, 2006

FONDAZZJONI GĦALL-ISKEJJEL TA' GĦADA

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Diċembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. FTS 84-06. *Laminated flush doors* ta' l-injam għal ġewwa fil-Junior Lyceum tal-Bniet Sir Adrian Dingli u ċ-Ċentru tax-Xjenza, Pembroke.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Kopji tad-dokumenti relevanti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċji tal-Fondazzjoni, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. Nru. 21387664, *Fax* Nru. 21387660) fil-ġranet tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

L-offerti għandhom jiġu depożitati fil-kaxxa ta' l-offerti fl-uffiċċji tal-Fondazzjoni fl-indirizz imsemmi hawn fuq.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada tgħarraf illi l-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar ta' l-offerti fil-ħin u d-dati speċifikati hawn fuq.

Dawk li jagħmlu l-offerta għandhom jaraw illi skond it-termini ta' Parti II u Klawsola 20 tar-Regolamenti ta' l-2005 (A.L. 177 ta' l-2005) dwar Kuntratti Pubbliċi, l-għoti ta' l-Offerti Dipartimentali magħmula mill-Fondazzjoni għandhom jiġu ppubblikati fin-*notice-board* (Notifika ta' Intenzjoni ta' Għoti ta' Offerti Dipartimentali).

Kull min jagħmel offerta u jista' jħossu urtat b'rakkomandazzjoni bħal din għandu jissottometti ilment uffiċjali fi żmien tlett ijiem tax-xogħol (sa nofsinhar), skond il-klawsola relevanti msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq.

Jinżamm id-dritt li tiġi rifjutata l-aħjar jew l-offerti kollha, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

FOUNDATION FOR TOMORROW'S SCHOOLS

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that:-

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Tuesday, 19th December, 2006, for:-

Advt. No. FTS 84-06. Internal laminated timber flush doors at Sir Adrian Dingli Girls' Junior Lyceum, Pembroke and Science Centre, Pembroke.

A fee of Lm10 is to be effected on collection of the tender document.

Copies of the relevant documents may be obtained from the Foundation's offices, Triq Sir Adrian Dingli, Pembroke, (Tel. No. 21387664, Fax No. 21387660), on working days between 8.30 a.m. and noon.

Tenders must be deposited in the tender box at the Foundation's offices at the above mentioned address.

The Foundation for Tomorrow's Schools notifies that the general public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

All tenderers should note that as in terms of Part II and Clause 20 of the Public Contracts Regulations 2005 (L.N. 177 of 2005), the award of the Departmental Tenders made by the Foundation will be published in the notice-board (Notice of Intent of Award of Departmental Tenders).

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint within three working days (till noon), as per the relevant clause mentioned in the above Regulations.

The right is reserved to refuse the best or all offers, even the most advantageous.

5th December, 2006

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

Id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent jgħarraf illi:-

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, il-21 ta' Diċembru, 2006, fil-kaxxa ta' l-offerti fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, 14, Triq Mikiel Anton Vassalli, Valletta, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 07/06. Provvista, stallazzjoni u kummissjunar ta' *time and attendance biometric identity verifier*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 ma' kull dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerta u tagħrif ieħor dwar il-kundizzjonijiet ta' dan il-kuntratt jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-Provvisti, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

The Director of Corporate Services of the Ministry for Rural Affairs and the Environment notifies that:-

Sealed tenders will be received in the tender box at the Department of Corporate Services of the Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Mikiel Anton Vassalli Street, Valletta, up to 10.00 a.m. on Thursday, 21st December 2006, for:-

Advt. No. 07/06. Supply, installation and commissioning of a time and attendance biometric identity verifier.

A fee of Lm5 is to be paid upon collection of tender document.

Tender forms and other information regarding this advert may be obtained from the Supplies Section, 14, Triq M.A.Vassalli, Valletta, during normal office hours.

5th December, 2006

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

B'riferenza għall-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Novemberu, 2006, f'paġna 9488 dwar il-Kuntratt ta' Konċessjoni ta' Servizz għall-provvista ta' Servizzi ta' *Catering* u *Retail Kiosk* għall-viżitaturi u l-i*staff* ta' l-Isptar Mater Dei, id-data ta' meta jintlaqgħu l-offerti rigward il-konċessjoni msemmija ġiet estiża mill-11 ta' Diċembru, 2006 sat-2 ta' Jannar, 2007.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

With reference to the notice published in the Government Gazette dated 7th November, 2006, on page 9488 regarding the Service Concession Contract for the provision of Catering and Retail Kiosk Services to visitors and staff at Mater Dei Hospital, the closing date for the submission of tenders in respect to the above concession has been extended from the 11th December, 2006 to the 2nd January, 2007.

5th December, 2006

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

B'riferenza għall-avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Novemberu, 2006, f'paġna 10,284 dwar il-konċ essjoni għal servizz tal-provvista ta' sigurtà esterna, ġestjoni ta' parkeġġ ta' vetturi u ġestjoni tat-traffiku fl-Isptar Mater Dei, id-data ta' meta jintlaqgħu l-offerti rigward il-konċessjoni msemmija ġiet estiża mill-1 ta' Diċembru, 2006 sat-2 ta' Jannar, 2007.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

FOUNDATION FOR MEDICAL SERVICES

With reference to the notice published in the Government Gazette dated 21st November, 2006, on page 10,284 regarding the concession for the service of the provision of External Security, Car Park Management and Traffic Management at Mater Dei Hospital, the closing date for the submission of tenders in respect to the above concession has been extended from the 1st December, 2006 to the 2nd January, 2007.

5th December, 2006

MINISTERU GĦALL-INVESTIMENT, INDUSTRIJA U T-TEKNOLOĠIJA TA' L-INFORMAZZJONI

Il-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni (MIIIT) jgħarraf illi jilqa' offerti magħluqin fil-kaxxa ta' l-offerti fil-Ministeru msemmi hawn fuq għall-provvista ta' s*tyleguide, policheck* u glossarju biex jintużaw biex jillokalizzaw prodotti tal-Microsoft bil-lingwa Maltija.

Kopja ta' stedina għall-offerta tista' titniżżel minn fuq il-*website* tal-MIIIT: www.miti.gov.mt.

Il-proposti għandhom jinxtehtu fil-kaxxa ta' l-*RFP* li tinsab fil-Ministeru għall-Investiment, Industrija u t-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, 111, Palazzo Verdelin, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR02, mhux aktar tard minn nofsinhar (ħin lokali) ta' nhar il-Ħamis, il-21 ta' Diċembru, 2006. Proposti li jasli tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

MINISTRY FOR INVESTMENT, INDUSTRY AND INFORMATION TECHNOLOGY

The Ministry for Investment, Industry and Information Technology (MIIIT) notifies that sealed tenders will be received in the above mentioned Ministry for the supply of styleguide, policheck and glossary to be used for the localization of Microsoft products in the Maltese language.

A copy of the invitation to tender can be downloaded from the MIIIT website: www.miti.gov.mt.

Proposals are to be deposited in the RFP box located at the Ministry for Investment, Industry and Information Technology, Palazzo Verdelin, 111, Triq l-Arċisqof, Valletta CMR 02, by not later than noon (local time) on Thursday, 21st December, 2006. Late submissions will not be considered.

5th December, 2006

KUNSILL MALTI GĦALL-I*SPORT*

Il-Kunsill Malti għall-I*sport* jgħarraf illi sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Diċembru, 2006 jilqa' offerti, għal:

Testijiet fil-pixxina prinċipali, Kumpless tal-Pixxina Nazzjonali, Tal-Qroqq.

Id-dokumenti ta' l-offerta u kundizzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Finanzi tal-Kunsill Malti għall-I*sport,* Kumpless Sportiv Kottonera, Bormla, matul il-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Għandu jsir ħlas ta' Lm25 meta jinġabru d-dokumenti.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

The Kunsill Malti għall-Isport receives tenders up to noon of Wednesday, 27th December, 2006, for:

Tests at the main pool, National Pool Complex, Tal-Qroqq.

Tender document and conditions can be collected from the Finance Office of the Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua, during office hours.

A fee of Lm25 has to be paid upon collection of documents.

5th December, 2006

KUNSILL LOKALI BORMLA

Il-Kunsill Lokali Bormla jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ħamis, l-14 ta' Diċembru, 2006, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. KLBO 03/2006. Xiri ta' vettura kummerċjali żgħira.

Dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali fil-ħinijiet ta' l-uffiċċju. L-offerti jinfetħu fil-preżenza tal-pubbliku fil-ħin ta' l-għeluq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

BORMLA LOCAL COUNCIL

The Bormla Local Council notifies that:–

Sealed tenders will be received up to noon of Thursday, 14th December, 2006, for:–

Advt. No. KLBO 03/2006. Purchasing of a light commercial vehicle.

Tender documents may be obtained from the Local Council's office during office hours. Tenders will be be publicly opened at closing time.

The Council reserves the right to refuse any tender, even the most advantageous.

5th December, 2006

KUNSILL LOKALI FLORIANA

Il-Kunsill Lokali Floriana jgħarraf li qed jilqa' offerti sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, d-19 ta' Diċembru 2006, għal xogħlijiet ta' bdil ta' bankini fiż-żona ta' Balzunetta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill bi ħlas ta' Lm20. Ma' l-offerta jrid jiġi sottomess *bid-bond*.

Il-Kunsill jgħarraf li d-data ta' l-għeluq tas-sejħa ta' l-offerti biex isir xogħol minn funderija tal-bronż għall-produzzjoni tal-Monument ta' Pietro Paolo Floriani ġiet estiża biex jilqa' offerti sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, id-19 ta' Diċ embru 2006.

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar offerta vantaġġuża.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

FLORIANA LOCAL COUNCIL

The Floriana Local Council notifies that sealed offers are to be deposited in the tender box provided at the Council's Office by not later than noon of Tuesday, 19th December, 2006 for the upgrading of pavements in Balzunetta area.

Documents can be collected from the Floriana Local Council during office hours at a fee of Lm20 each. A bid-bond has to be submitted with the sealed offer.

The Council would like to notifies that the closing date of receipt of sealed tenders for the Casting in Bronze of the Monument of Pietro Paolo Floriani has been extended up to noon of Tuesday, 19th December 2006.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous.

5th December, 2006

KUNSILL LOKALI NAXXAR

Il-Kunsill Lokali Naxxar jgħarraf illi:–

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tnejn, it-8 ta' Jannar, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

Avviż Nru. T07/06. Kisi bit-tarmak ta' Triq l-Imnara.
Avviż Nru. T08/06. Kisi bit-tarmak ta' Triq l-Alfier.
Avviż Nru. T09/06. Kisi bit-tarmak ta' Triq Hans Christian Andersen.
Avviż Nru. T10/06. Kisi bit-tarmak ta' Triq Juan B. Azzopardo.
Avviż Nru. T11/06. Kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq San Pawl.
Avviż Nru. T12/06. Kisi bit-tarmak ta' Triq F.W. Ryan.

Għanddu jitħallas dritt ta' Lm25 għal kull kopja tad-dokumenti ta' l-offerta.

Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Naxxar, 18, Ċentru Ċiviku, Vjal il-21 ta' Settembru, Naxxar bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar (mit-Tnejn sal-Ġimgħa).

L-offertti jinfetħu fil-pubbliku minnufih wara d-data u l-ħin ta' l-għeluq.

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu wkoll ikunu spezzjonati mingħajr ħlas waqt l-istess ħinijiet.

Il-Kunsill Lokali tan-Naxxar iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta

Il-5 ta' Diċembru, 2006

NAXXAR LOCAL COUNCIL

The Naxxar Local Council notifies that:–

Sealed tenders will be received up to noon of Monday, 8th January, 2007, for:–

Advt. No. T 07/06. Resurfacing of Triq l-Imnara.
Advt. No. T 08/06. Resurfacing of Triq l-Alfier.
Advt. No. T 09/06. Resurfacing of Triq Hans Christian Andersen.
Advt. No. T 10/06. Resurfacing of Triq Juan B. Azzopardo.
Advt. No. T 11/06. Resurfacing of part of Triq San Pawl.
Advt. No. T 12/06. Resurfacing of part of Triq F.W. Ryan.

A fee of Lm25 is to be paid for each copy of tender documents.

Relative tender documents may be collected from the Naxxar Local Council's Offices, 18, Civic Centre, 21st September Avenue, Naxxar from 8.00 a.m. to noon (Monday to Friday).

Tenders will be opened in public immediately after the closing date and time.

Tender documents may also be inspected during the same hours free of charge.

The Naxxar Local Council reserves the right to refuse any offer.

5th December, 2006

KUNSILL LOKALI RABAT (GĦAWDEX)

Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Rabat Għawdex tgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-3 ta' Jannar, 2007, fil-Kunsill Lokali tar-Rabat (Għawdex), jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 3. Kisi bit-tarmak ta' parti minn Triq il-Mitħna.

Avviż Nru. 4. Ġbir u separazzjoni ta' skart domestiku.

Il-formoli ta' l-offerti u kull tagħrif ieħor jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar.

Il-5 ta' Diċembru, 2006

RABAT (GOZO) LOCAL COUNCIL

The Executive Secretary of the Rabat (Gozo) Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Rabat (Gozo) Local Council by not later than noon of Wednesday, 3rd January 2007, for:-

Advt. No. 3. Surfacing with tarmac of part of Triq il-Mitħna.

Advt. No. 4. Collection and separation of domestic waste.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Local Council's office on any working day between 8.00 a.m. and noon.

5th December, 2006

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1815

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet ta' l-24 ta' Lulju 2006, il-Qorti Ċivili Prim'Awla,ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3)tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fl-24 ta' Lulju 2006, fuq talba ta' Avv. Dott. Luigi A. Sansone noe ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-Visa Negoce (Sarl) Import Export fl-atti tar-Rikors 651/06 GC, fl-ismijiet Dott. Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Lulju 2006, fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D., detentur tal-Karta ta' l-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' PRADA S.A. kumpannija estera ta' nazzjonalità tal-Lussemburgu, bis-sede legali tagħha f'23 Rue Aldringen, l-1118 Luxembourg vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Visa Negoce (Sarl) Import Export, ta' N. 341 Rue 10 Lot Hadj, Fatah, Lissasfa, Casablanca, il-Marokk, ir-rikorrenti Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D., detentur tal-Karta ta' l-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' PRADA S.A. kumpannija estera ta' nazzjonalità tal-Lussemburgu, bis-sede legali f'23 Rue Aldringen, l-118 Luxembourg, espona bir-rispett u ddikjara bil-ġurament;

It is hereby notified that by a decree of the 24th July 2006, the Civil Court First Hall ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purposes of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta.

To the Marshall of the Court.

Whereas by a decree given by this Court on the 24th July 2006, following a request of Dr. Luigi A. Sansone noe ordered that there be chosen Deputy Curators to represent Visa Negoce (Sarl) Import Export in the records of the Application 651/06 GC in the names Dr. Luigi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of an Application filed in the First Hall Civil Court on the 17th July 2006, in the names Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. holder of Identity Card number 258269 letter 'M' as special mandatary of PRADA S.A. a foreign company domiciled in Luxembourg, with its registered office at 23 Rue Aldringen, 1118,Luxembourg vs Deputy Curators to represent Visa Negoce (Sarl) Import Export of No. 341 Rue 10 Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, Marokk, the applicant Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. holder of identity card number 258269(M) as special mandatary of PRADA S.A. a foreign company domiciled in Luxembourg, with its registered office at 23 Rue Aldringen 1118, Luxembourg, pleaded with respect and confirmed under oath;

1. Illi s-soċjetà attriċi PRADA S.A. magħrufa sew madwar id-dinja inkluż f'Malta, inter alia in konnessjoni ma' boroż (handbags) artikli ta' lbies u żraben (sandlijiet) hija proprjetarja ta' diversi trademarks li jkopru dan in-negozju tagħha u in konnessjoni ma' l-istess negozju;

2. Illi b'ħila u b'invenzjoni kif ukoll b'ħafna sagrifiċċju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti tagħha is-soċjetà attriċi akkwiżixxiet reputazzjoni u avvjament enormi…Omissis…

3. Illi fost oħrajn is-soċjetà attriċi għandha validament rreġistrati f'Malta inter alia t-trademarks bin-numri ta' registrazzjoni 27307 u 27824 –PRADA (tikketti) dwar handbags fost oħrajn, u t-trademarks bin-numri ta' reġistrazzjoni 27308 u 27825 – PRADA (tikketti) dwar artikli ta' lbies u żraben (ikludenti sandli) fost oħrajn;

4. Illi noltri s-soċjetà attriċi għandha validament irreġistrata bħala Trademark Komunitarja (CTM) bin-numru 000271163, il-markju Komunitarju (CTM) 'PRADA' (kelma) dwar materjal stampat (fost oħrajn);

5. Illi s-soċjetà attriċi hija 'detentriċi ta' dritt' għall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjetà Intellettwali …Omissis…

6. Illi reċentement waqt l-iskrutinji taħt xi waħda mill-proċeduri doganali msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-istess Kap 414 u fl-Artikolu 1(1) tal-Council Regulation (EC) No. 1383/2003 hawn qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx tal-Container (PXU) 3018214…Omissis…

7. Illi s-soċjetà attriċi ġiet mgħarrfa bis-sejba fis-16 ta' Ġunju 2006 u wara li eżamina ritratti elettroniċi ta' kampjuni ta' dawn l-oġġetti kkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oġġetti kontrafatti li jikkontravvjenu d-drittijiet tagħha dwar proprjetà intellettwali;

8. Illi effettivament allura l-oġġetti lkoll mertu ta ' din il-vertenza jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi…Omissis…

9. Illi wara li s-soċjetà attriċi ngħatat id-dettalji tal-konvenuta mill-Kontrollura tad-Dwana, ġie lill-istess soċjetà attriċi prefiss terminu sas-17 ta' Lulju 2006,mill-hawn qabel imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tingħatalu l-prova li nbdew l-opportuni proċedimenti ġudizzjarji ċivili fil-konfront tal-konvenuta li jwasslu għal deċiżjoni sostantiva dwar il-merti tal-każ;

10. Illi l-esponent nomine jaf personalment bil-fatti hawn kollha ddikjarati;

11. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

1. That the plaintiff company PRADA S.A. well known around the world including Malta, inter alia in connection with handbags, clothing articles and sandles is the owner of various trademarks which cover its business and in connection with the same business;

2. That by skill and invention and a lot of financial sacrifice and promotional activity on its part the plaintiff company acquired reputation and enormous goodwill,…Omissis…

3. That amongst others the plaintiff company has validly registered in Malta inter alia the trademarks with registration numbers 27307 and 27824-PRADA (labels) regarding handbags amongst others, and the trademarks with registration numbers 27308 and 27825-PRADA (labels) regarding clothing articles and shoes (including sandles) amongst others;

4. That furthermore the plaintiff company has validly registered as a Community Trademark (CTM) with number 000271163, the Community mark (CTM) 'PRADA' (Word) regarding printed material (amongst others);

5. That the plaintiff company is 'the holder of a right' for the purposes of the relevant provisions of the Act Regarding Intellectual Property…Omissis…

6. That recently during the inspections under one of the customs procedures mentioned in Article 4 of the same Chapter 414 and Article 1(1) of the Council Regulation (EC) No. 1383/2003 herein before mentioned, the Comptroller of Customs suspended the release of Container (PXU) 3018214…Omissis…

7. That the plaintiff company was informed with the finding on the 16th June 2006 and after examing the electronic photos of these objects it confirmed to the same Comptroller of Customs that infact these objects are counterfeit and contravene its rights regarding intellectual property;

8. That effectively all the objects forming part of this dispute contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company….Omissis…

9. That after the plaintiff company was given the details of the defendant by the Comptroller of Customs, the plaintiff company was fixed a term till the 17th July 2006 by the afore mentioned Comptrollerof Customs in order that it be proved to him that the opportune civil judicial proceedings were institued against the defendant which bring about a substantive decision on the merits of the case;

10. That the applicant nomine knows personally about all the facts herein declared;

11. That thus this cause had to be made.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn qabel premessi l-attur nomine umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti f'boroż (handbags) u ppakkettjar relattiv, artikli ta' lbies u pari ta' sandli, li lkoll fihom sinjali inkludenti l-kelma 'Prada' miktuba b'mod distintiv u prominenti u li jinsabu preżentement taħt l-awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container (PXU) 3018214 kontenenti l-imsemmija oġġetti, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill-kanali tal-Kummerċ b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lil u għas-spejjeż tal-konvenuta;

3. Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi…Omissis…

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni tagħha.

Lista tax-xhieda.

Elenku Dokumenti.

Attur Nomine: Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LL.D. detentur tal-karta ta' l-identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' PRADA S.A. kumpannija estera ta' nazzjonalità tal-Lussemburgu, bis-sede legali tagħha f'23 rue Aldringen, l-1118, Luxembourg.

84, Triq Melita, Valletta VLT 12;

Konvenuta: Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil Visa Negoce (Sarl) Import Export, ta' No. 341 Rue 10 Lot Hadj, Fatah Lissasfa, Casablanca, il-Marokk.

Il-Qorti, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan il-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma

Thus for the reasons above premised the plaintiff nomine humbly prays this Honourable Court:

1. Declare that the objects consisting in handbags and the relative packing, clothing articles and pairs of sandles which all have signs including the word 'PRADA' written out distinctively and prominently and which are presently under the authority of the Comptroller of Customs after he had suspended the release of the container (PXU) 3018214 containing the said objects, contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company;

2. To order the Comptroller of Customs to dispose from these objects outside the channels of Commerce in such a manner as to preclude any damage to the plaintiff company or to order the Comptroller of Customs to destroy those objects in any case without any compensation to or at the expense of the defendant;

3. To take or order the Comptroller of Customs to take regarding those objects that shall have the effect to effectively deprive the defendant from the economic benefits of the transaction;

4. To order that the defendant shall bear all the costs with the measures ordered in terms of the second and third demands of the plaintiffs…Omissis…

With costs against the defendant who is summoned so that a reference to its evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Plaintiff Nomine: Advocate Dr. Luigi A. Sansone LL.B. (Hons) LLD. Holder of identity card number 258269 letter 'M' as special mandatary of PRADA S.A. a foreign company domiciled in Luxembourg, with its registered office at 23, rue Aldringen 1118, Luxembourg.

84, Melita Street, Valletta VLT 12.

Defendant: Deputy Curators to represent Visa Negoce (Sarl) Import Export of No. 341 Rue 10 Lot Hadj Fatah, Lissasfa, Casablanca, Marokk.

Courts of Justice, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to

jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 24 ta' Lulju 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr. Justice Giannino Caruana Demajo, LL.D., Doctor of Laws.

Today 24th July 2006.

Registry of the Superior Courts today 29th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1816

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Mejju 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 1192/06, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Mario Debono et pro et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mario Debono pro et noe, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 4 ta' April 2006

Lil Mario Debono u Joseph Saliba f'isimkom personali kif ukoll bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà The Village Pharmacy Limited.

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellakom ai termini ta' l-Artikolu 66 ta' l-Att ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallsu l-ammont ta' tlettax-il elf u wieħed u sittin Lira Maltin (Lm13,061) rappreżentanti ammont dovut minnkom pro et noe, skond l-stess Att;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond dak l-Att sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju fuq il-Valur Miżjud, kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti, javżakom li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tagħkom pro et noe, permezz tal-mandati opportuni.

It is hereby notified that the First Hall Civil Court by means of a decree given on the 30th May 2006, in the records of the judicial letter number 1192/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Mario Debono et pro et noe, ordered the following publication for the purpose of service of Mario Debono pro et noe, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 4th April 2006

To Mario Debono and Joseph Saliba in your own name and as directors in the name and in representation of the company The Village Pharmacy Limited.

By the present, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you in terms of Article 66 of the Act of 1998, so that within two (2) days from the service of this act you pay the amount of thirteen thousand and sixty one Maltese Liri (Lm13,061) representing amount due by you pro et noe, according to the same Act;

With costs and with interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, to render executable the executive title that the same Commissioner for Value Added Tax has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the title he has againt you pro et noe, by means of the opportune warrants.

Tant biex tirregolaw ruħkom u tagħrfu timxu.

Mittenti: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Notifiki Intimati: 1. Mario Debono-5, Villa Delphi, Triq il-Qasam, is-Swieqi.

2. …Omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Novembru 2006.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Street, Birkirkara.

Notify Respondents: 1. Mario Debono-5, Villa Delphi, Qasam Street, Swieqi.

2. …Omissis…

Registry of the Superior Courts, today 30th November 2006.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1817

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell, permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Novembru 2006, fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru 379/04 RCP, fl-ismijiet Cutajar Leonard vs Porsella-Flores Dr. Renzo et noe, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Leonard Cutajar, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell, Ċitazzjoni Nru 379/2004 RCP, fl-ismijiet Leonard Cutajar vs l-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores u l-P.L.Mario Mifsud Bonnici li b'digriet tad-29 ta' Novembru 2004, ġew nominati Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-assenti Michelle Cutajar, ir-rikorrenti, konvenuti Kuraturi Deputati, l-Avukat Dott. Renzo Porsella-Flores et noe, esponew bir-rispett:

Illi b'citazzjoni tal-5 ta' Novembru 2004, l-attur wara li ppremetta li huwa żżewweġ lil Michelle Cutajar, fis-27 ta' April 2000 u li għandhom tifla ……Omissis…… ta' tliet snin u nofs u li l-kunsens tal-partijiet kien a) vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u b) inkiseb bl-esklużżjoni pożittiva taz-żwieġ innifsu, talab li ż-żwieġ imsemmi jkun dikjarat null u bla effett;

Illi b' digriet tad-29 ta' Novembru 2004, l-esponenti nħatru bħala Kuraturi Deputati sabiex jidhru għal Michelle Cutajar nieqsa minn Malta;

Illi b' Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tagħhom tat-2 ta' Frar 2005, l-esponenti eċċepew li huma ma kienu jafu xejn dwar il-kawża, …….Omissis……

Illi wara li l-attur ressaq ix-xhieda tiegħu b'affidavit tiegħu nnifsu u ta' żewġ xhieda oħra (fosthom l-Avukat tiegħu) fl-ewwel udjenza tas-26 ta' April 2005, id-difensur ta' l-attur iddikjarat li ma kellha ebda indirizz ta' barra ta' Michelle

It is hereby notified that the Court of Appeal, by means of a decree given, on the 21st November 2006, in the records of the Writ of Summons No. 379/04 RCP, in the names Cutajar Leonard vs Porsella-Flores Dr. Renzo et noe, ordered the following publication for the purpose of service of Leonard Cutajar, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application, filed, in the Court of Appeal, Writ of Summons No. 379/2004 RCP, in the names Leonard Cutajar vs Advocate Dr. Renzo Porsella-Flores and L.P. Mario Mifsud Bonnici who by decree of the 29th November 2004, were appointed, Deputy Curators to represent the absent Michelle Cutajar, the applicants, defendants Deputy Curators, Advocate Dr. Renzo Porsella Flores et noe, pleaded with respect;

That by a writ of summons of the 5th November 2004, the plaintiff, after having premised that he married Michelle Cutajar , on the 27th of April 2000 and they have a girl …..Omissis…….aged three and a half and that the consent of the parties was a) vitiated by a serious defect of disrection of judgement on married life and b) was acquired by the positive exclusion of marriage itself, asked that the marriage be declared null and without effect;

That by a decree of the 29th November 2004, the applicants were appointed Deputy Curators to appear for Michelle Cutajar, who is away from Malta;

That by a Note of Pleas of the 2nd February 2005, the applicants pleaded that they did not know anything about the case, ……Omissis……

That after the plaintiff brought forward his evidence, by his own affidavit and that of two other witnesses (amongst which his Lawyer) during the first hearing of the 26th April 2005, the plaintiff's Defence declared that she had no address

Cutajar, x' tgħaddi lill-esponent u l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-30 ta' Ġunju 2005;

Illi b'rikors tal-20 ta' Mejju 2005, l-esponenti talbu li l-Ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza billi kien ferm stramb li l-attur ma kellu l-ebda indirizz ta' martu barra minn Malta …..Omissis……

Illi għalkemm saru żewġ tentattivi, it-tieni wieħed bil-purtier, dan kien għalxejn u l-esponenti, b'rikors tat-28 ta' Ġunju 2005, talbu li n-notifika tar-rikors tagħhom issir wara l-ħinijiet legali; u l-Ewwel Qorti b'digriet ta' l-istess jum tat-28 ta' Ġunju 2005, laqgħet it-talba;

Illi jumejn biss wara fit-30 ta' Ġunju 2005, l-Ewwel Qorti reġgħet rat ir-rikors tal-20 ta' Mejju u billi kien baqa' ma giex notifikat, ħassret 'contrario imperio' id-digriet tagħha tat-23 ta' Mejju 2005, u ċaħdet it-talba ta' l-esponenti għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza; ……Omissis……

Illi l-esponenti jħossu ruħhom aggravati kemm mid-digriet tat-30 ta' Ġunju 2005, kif ukoll mis-sentenza ta' l-istess jum u għalhekk qed iressqu dan l-appell minnhom quddiem din l-Onor. Qorti;

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u dan għar-raġunijiet li ġejjin:

Illi qabel xejn għal dak li jirrigwarda d-digriet tat-30 ta' Ġunju 2005, l-esponenti jħossu li ma jistax jingħad li huma ttraskuraw in-notifika tar-rikors tagħhom tal-20 ta' Mejju 2005 ….Omissis……;

Illi l-esponenti jissottomettu bir-rispett li t-talba tagħhom għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ma jistax jingħad li kienet xi waħda frivola jew leġġera. L-atttur permezz tad-difensur tiegħu stqarr li ma kellu l-ebda indirizz ta' barra x'jgħaddi lill-esponenti;

Illi apparti li fl-istess Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tagħhom l-esponenti kienu ġa talbu li jingħataw l-indirizz ta' Michelle Cutajar, mart l-attur, lilhom ma tinżlilhomx li l-attur ma kellu l-ebda indirizz x' jagħtihom,…….Omissis……;

Illi wara kollox skond l-art. 936 tal-Kap. 12, il-Kuraturi għandhom jaqbdu mal-persuna li għaliha jkunu qed jidhru u meta l-indirizz ma jkunux magħruf 'għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex isiru jafu l-indirizz..'

Illi għal dak li jirrigwarda s-sentenza naturalment l-Ewwel Qorti, ma kellhiex ħlief il-verżjoni attriċi; l-esponenti ma kellhom l-ebda eċċezzjoni x'iressqu dment li ma ngħatawx indirizz fejn setgħu jaqbdu ma' Michelle Cutajar, u allura inevitabbilment l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ma setgħetx

of Michelle Cutajar, abroad, to pass on to the applicant and the case was put off for judgement, to the 30th June 2005;

That by an application of the 20th May 2005, the applicants asked that the Court of First Instance suspend the delivery of the judgement as it was very strange, that that the plaintiff had no address of his wife, abroad, ……Omissis……

That although two attempts were made, the second one, by means of an usher, this was to no avail and the applicants, by means of an application of the 28th June 2005, demanded that the service of their application be made after the legal time; and the Court of First Instance, by a decree of the same day of the 28th June 2005, upheld the request;

